Il-kontenut ipprovdut minn
Polonja

# Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Polonja

Din it-taqsima tagħti ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru tal-artijiet tal-Polonja.

## X'joffri r-reġistru tal-artijiet Pollakk?

Ir-reġistru tal-artijiet Pollakk (rejestr ksiąg wieczystych) huwa miżmum skont l-Att dwar ir-Reġistri tal-Artijiet u l-Ipoteki.

Skont l-Att, ir-reġistri tal-artijiet jinżammu sabiex jiġi stabbilit l-istat ġuridiku tal-propjetà. Ir-reġistri fihom din l-informazzjoni essenzjali:

- il-konnotati tal-propjetà (inklużi l-porzjonijiet diviżi tal-art li jiffurmaw il-propjetà kollha);
- id-dettalji tas-sid(ien) tal-propjetà jew id-detentur tal-użufrutt perpetwu;
- informazzjoni dwar drittijiet oħra tal-partijiet *in rem*;
- it-tip u l-ammont tal-ipoteka rreġistrata fuq il-propjetà.

Ir-reġistri tal-artijiet huma dokumenti pubbliċi aċċessibbli mill-pubbliku. Mill-1 ta' Ġunju 2010 l-aċċess għal reġistru tal-artijiet huwa possibbli elettronikament billi jiddaħħal in-numru tiegħu.

Barra minn hekk, tista' tinġieb kopja mir-reġistru tal-artijiet jew ċertifikat li jindika li r-reġistru ngħalaq.

## L-aċċess għar-reġistru tal-artijiet Pollakk huwa mingħajr ħlas?

Il-konsultazzjoni tar-reġistri tal-artijiet hija mingħajr ħlas.

Madanakollu, kopja mir-reġistru tal-artijiet jew ċertifikat li jindika li r-reġistru ngħalaq huma bi ħlas.

L-aħħar aġġornament: 16/12/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.